

Mistoqsija għal tweġiba orali O-0082/2010

Illi-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Mario Mauro, Bogusław Sonik, János Áder, Roberta Angelilli, Alfredo Antoniozzi, Raffaele Baldassarre, Paolo Bartolozzi, Sergio Berlato, Piotr Borys, Jan Březina, Milan Cabrnoch, Carlo Casini, Nessa Childers, Giovanni Collino, Lara Comi, Carlo Fidanza, Pat the Cope Gallagher, Elisabetta Gardini, Françoise Grossetête, Małgorzata Handzlik, Marian Harkin, Iliana Malinova Iotova, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Giovanni La Via, Krzysztof Lisek, Clemente Mastella, Barbara Matera, Radvilė Morkūnaitė-Mikulénienė, Cristiana Muscardini, Miroslav Ouzký, Alfredo Pallone, Pier Antonio Panzeri, Mario Pirillo, Gianni Pittella, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Dominique Riquet, Zuzana Roithová, Licia Ronzulli, Oreste Rossi, Potito Salatto, Matteo Salvini, Amalia Sartori, Giancarlo Scottà, Czesław Adam Siekierski, Sergio Paolo Frances Silvestris, Theodoros Skylakakis, Salvatore Tatarella, Anna Záborská, Iva Zanicchi

Suġġett: Ir-Regolament dwar Indikazzjonijiet dwar in-Nutrizzjoni u dwar is-Saħħha: problemi ta' implimentazzjoni

Ir-Regolament dwar Indikazzjonijiet dwar in-Nutrizzjoni u s-Saħħha (KE) Nru 1924/2006¹ huwa kkaratterizzat b'elementi sorprendenti. Madankollu għad hemm xi kwistjonijiet li jistgħu jikkawżaw problemi fil-livell ta' implimentazzjoni. Il-problemi l-kbar fil-fażi ta' implimentazzjoni ġejjin minn nuqqas ta' ċarezza u trasparenza rigward il-kriterji għall-approvazzjoni u r-rifut ta' indikazzjonijiet; barra minn hekk, hemm inċertezza legali dwar x'se jiġi u x'mhux se jiġi permess u dwar il-perjodi tranżitorji. L-implimentazzjoni attwali tista' toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni permezz tal-adozzjoni ta' lista ta' indikazzjonijiet b'mod frammentarju, u spejjeż addizzjonal mhux neċċessarji li jistgħu jaffettaw b'mod partikolari l-SMEs minħabba l-adozzjoni frammentarja tal-lista ta' indikazzjonijiet. Ir-Regolament ma jagħix drittijiet ta' appell u rimedju fil-każ ta' rifut ta' indikazzjonijiet tal-Artikolu 13, u jista' jpoġġi lill-industrija Ewropea fi żwantaġġ kompetitiv meta mqabbla ma' operaturi minn pajjiżi terzi, minħabba l-estensjoni tas-suq tal-SMEs. Fl-istess ħin l-industriji tal-ikel jistgħu jiġu skorajġġati milli jinvestu fir-riċerka u fi prodotti ġodda, b'mod li tiġi affettwata wkoll l-għażla tal-konsumaturi. B'reazzjoni għall-mistoqsja bil-miktub E-5764/09 tas-Sur Mauro, il-Kummissjoni indikat li l-ebda valutazzjoni tal-impatt ma kienet meħtieġa fiziż-żmien li saret il-proposta (2003), u rapport dwar l-applikazzjoni tiegħi huwa previst fir-Regolament għall-2013. Dan ir-rapport ma jidhirx li jkopri l-impatt ekonomiku fuq il-kumpaniji.

Meta jitqies il-fatt li d-deċiżjonijiet li ttieħdu issa dwar l-applikazzjoni tar-Regolament, b'mod partikolari l-adozzjoni frammentarja tal-lista ta' indikazzjonijiet li għandhom impatt ekonomiku serju fuq il-kumpaniji, il-Kummissjoni ma taħsibx li huwa biżżejjed importanti li issa twettaq valutazzjoni interim tal-impatt ekonomiku qabel ma tigħi adottata miżura finali? Fin-nuqqas ta' din il-valutazzjoni tal-impatt, x'inhi l-bażi oġġettiva li fuqha l-Kummissjoni tiddikjara jekk dan ir-Regolament hux se jibbenefikaw minnu l-SMEs, kif indikat fit-tweġiba tagħha lil kollegi erudit iħrajn (is-Sra Handzlik, is-Sur Březina)? Il-premessa 33 tar-Regolament tgħid li l-EFSA għandha tagħti gwida u għoddha teknika xierqa lill-SMEs. Meta jitqies li ma ngħatat l-ebda gwida lill-SMEs rigward l-indikazzjonijiet tal-Artikolu 13, u li ma ġiet żviluppata l-ebda għodda biex tiffaċċilita l-implimentazzjoni tar-regolament mill-SMEs, u li l-ewwel laqgħa tal-partijiet interessati organizzata mill-EFSA dwar din il-kwistjoni hija ppjanata li sseħħi l-aktar tard fl-1 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni taħseb li r-rekwiżi tar-Regolament huma ssodisfati kif suppost? Il-Kummissjoni temmen li l-kumpaniji kellhom aċċess sħiħ mill-bidu nett għall-informazzjoni kollha meħtieġa? Jekk le, liema miżuri biħsiebha tieħu biex tagħti rimedju għal dan in-nuqqas ta' gwida? Il-Kummissjoni tista' tindika wkoll kif biħsiebha toffri rimedju għall-impatt negattiv li l-approċċ attwali għall-implimentazzjoni tar-Regolament sejkollu fuq l-innovazzjoni, l-investiment u l-kompetitività fis-settur Ewropew tal-ikel, speċjalment fid-dawl tal-aġenda ta' Lisbona u l-kriżi ekonomika attwali?

Imressqa: 7.6.2010

Mgħoddija: 9.6.2010

¹ ĠU L 404 tat-30.12.2006, p. 9.

L-iskadenza għat-tweġiba: 16.6.2010

819341.MT

PE 424.419